

# L-ambjent Ewropew L-istat u l-prospetti 2020

## Sommarju eżekuttiv

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Ritratt tal-qoxra: ©Simon Hadleigh-Sparks, My City/EEA

**Avviż legali**
Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhuma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

**Avviż tad-drittijiet tal-awtur**
© Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2019
Riproduzzjoni awtorizzata, b'indikazzjoni tas-sors bibljografiku.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

ISBN 978-92-9480-134-0
doi: 10.2800/132732

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka

Tel.: +45 33 36 71 00
Web: eea.europa.eu

# L-ambjent Ewropew
# L-istat u l-prospetti 2020

## Sommarju eżekuttiv

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent



© Ivan Banović, WaterPIX/EEA

# L-isfida li tiddefinixxi dan is-seklu

'L-Ambjent Ewropew - l-istat u l-prospetti 2020' (SOER 2020) jasal fi żmien kruċjali. Qed niffaċċjaw sfidi ta' sostenibbiltà urġenti li jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi urġenti. Dan huwa l-messaġġ ċar lil dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa u fuq livell globali. L-isfida ġenerali ta' dan is-seklu hija kif niksbu l-iżvilupp madwar id-dinja li jibbilanċja l-konsiderazzjonijiet soċjetali, ekonomiċi u ambjentali.

Dan huwa s-6 SOER, ippubblikat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u din l-edizzjoni tal-2020 tidentifika distakki serji bejn l-istat tal-ambjent u l-miri ta' politika eżistenti tal-UE, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul. L-aspettattivi taċ-ċittadini għal għajxien f'ambjent b'saħħtu għandhom jintlaħqu, u dan se jirrikjedi enfasi mill-ġdid fuq l-implimentazzjoni bħala l-pedament tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali.

Fid-dawl ta' dan, aħna mhux biss irridu nagħmlu aktar, iżda rridu naħdmu b'mod differenti. Matul l-għaxar snin li ġejjin, se neħtieġu tweġibiet għall-isfidi ambjentali u klimatiċi tad-dinja differenti ħafna minn dawk li pprovdejna matul l-aħħar 40 sena. Dan ir-rapport għandu l-għan li jinforma d-diskussjonijiet dwar il-politiki tal-Ewropa għall-2030, inklużi t-trajettorji sal-2050 u lil hinn.

Dawn il-politiki futuri jridu jibnu fuq ir-risposti eżistenti għall-isfidi ambjentali u klimatiċi tagħna — l-*acquis* — u għandhom ukoll iwieġbu għat-tagħrif l-aktar aġġornat, li jitlob approċċi fundamentalment differenti — kemm f'termini ta' dak li għandna bżonn nagħmlu, kif ukoll *kif* għandna bżonn nagħmluh.

Il-messaġġ ta' urġenza ma jistax jiġi esaġerat. Fl-aħħar tmintax-il xahar biss, ġew ippubblikati rapporti xjentifiċi globali ewlenin mill-IPCC, IPBES, IRP u UNE ([1]), li kollha għandhom messaġġi simili: it-trajettorji attwali mhumiex fondamentalment sostenibbli; dawn it-trajettorji huma interkonnessi u marbuta mas-sistemi ewlenin tagħna ta' produzzjoni u konsum; u ż-żmien qed jagħfas biex noħorġu b'risposti kredibbli biex inbiddlu x-xejriet.

Is-sejħa għal tranżizzjonijiet tas-sostenibbiltà fundamentali fis-sistemi ewlenin li jsawru l-ekonomija Ewropea u l-ħajja soċjali moderna — speċjalment is-sistemi tal-enerġija, tal-mobbiltà, tad-djar u tal-ikel — mhijiex ġdida. Fil-fatt għamilna din is-sejħa fl-edizzjonijiet tal-2010 u tal-2015 tal-SOER, u f'dawn l-aħħar snin l-UE inkorporat dan il-ħsieb f'inizjattivi ta' politika importanti bħall-pakketti ċirkolari u tal-bijoekonomija, il-politiki dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-2050, u l-programm futur tagħha ta' riċerka u innovazzjoni. Barra minn hekk, l-inizjattiva tal-UE dwar il-finanzi sostenibbli hija l-ewwel waħda ta' dan it-tip li qed tistaqsi mistoqsijiet serji dwar ir-rwol tas-sistema finanzjarja biex tmexxi l-bidla meħtieġa.

Madankollu, hemm differenza bejn li tbiddel il-ħsieb u li twettaq bidla reali. L-enfasi issa trid tkun fuq iż-żieda, l-aċċellerazzjoni, is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ħafna soluzzjonijiet u innovazzjonijiet — kemm teknoloġiċi kif ukoll soċjali — li diġà jeżistu, filwaqt li jiġu stimulati r-riċerka u l-iżvilupp addizzjonali, jiġu katalizzati bidliet fl-imġiba u, b'mod vitali, jinstemgħu u jiġu involuti ċ-ċittadini.

([1]) Rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar It-Tisħin Globali ta' 1.5 °C u t-Tibdil fil-Klima u l-Art; Rapport tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi; Rapport dwar il-Prospettiva ta' Riżorsi Globali tal-Grupp Internazzjonali tar-Riżorsi (IRP); Prospettiva Ambjentali Globali 6 tan-NU

Ma nistgħux nissottovalutaw id-dimensjoni soċjali. Hemm ħtieġa qawwija u komprensibbli għal tranżizzjoni ġusta, li fiha tingħata l-attenzjoni dovuta lit-telliefa potenzjali mill-ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Id-distribuzzjoni inugwali tal-ispejjeż u l-benefiċċji li jirriżultaw minn bidliet sistemiċi issa huma rikonoxxuti minn dawk li jfasslu l-politika, iżda jirrikjedu fehim sod, involviment taċ-ċittadini u risposti effettivi.

Lanqas ma għandna ninjoraw liż-żgħażagħ tal-Ewropa. Qed isemmgħu leħinhom dejjem aktar biex ikun hemm risposta aktar ambizzjuża għat-tibdil fil-klima u għad-degradazzjoni ambjentali. Sakemm ma jirnexxilniex inbiddlu x-xejriet attwali fl-għaxar snin li ġejjin, is-sens ta' biża' tagħhom għall-futur se jkun iġġustifikat.

SOER 2020 ma jipprovdix it-tweġibiet kollha għal dawn l-isfidi kumplessi. Madankollu, sal-lum hija l-aktar valutazzjoni integrata u komprensiva tal-EEA, u l-ewwel waħda li tindirizza b'mod rigoruż l-isfidi sistemiċi tagħna fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà li rridu nagħmlu, bħala soċjetà. Dan jibni fuq 25 sena ta' esperjenza b'*data*, analiżi u politika tal-UE, abbażi tal-għarfien tan-netwerk uniku tagħna tal-pajjiżi membri Ewropej — Eionet.

Ma nistgħux nipprevedu l-futur, iżda nistgħu noħolquh. Aħna konvinti li dan ir-rapport huwa sors ta' għarfien solidu u f'waqtu li jista' jiggwida d-diskussjonijiet dwar il-politiki futuri tal-UE dwar l-ambjent u l-klima, u jgħin biex jissawru risponsi Ewropej għall-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). L-Ewropa għandha tmexxi t-tranżizzjoni globali lejn ambjent b'saħħtu f'dinja ġusta u sostenibbli. L-idea ta' Ftehim Ekoloġiku Ewropew — deskritt bħala l-ewwel prijorità fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss mill-2019 sal-2024 — għandha l-potenzjal li tipprovdi qafas eċċellenti għal azzjoni, li jippermetti t-tip ta' ħsieb ibbażat fuq is-sistemi u l-innovazzjoni meħtieġa biex tinkiseb din it-tranżizzjoni u jinħoloq futur li kollha kemm aħna nistgħu nkunu kburin bih.



**Hans Bruyninckx**
Direttur Eżekuttiv, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent



© Lajos Hajdu, WaterPIX/EEA

# SOER 2020 fi ftit kliem

Fl-2020, l-Ewropa tiffaċċja sfidi ambjentali ta' skala u ta' urġenza bla preċedent. Għalkemm il-politiki ambjentali u tal-klima tal-UE taw benefiċċji sostanzjali tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, l-Ewropa qed tiffaċċja problemi persistenti f'oqsma bħat-telfien tal-bijodiversità, l-użu tar-riżorsi, l-impatti tat-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali għas-saħħa u l-benesseri. Megatendenzi globali bħat-tibdil demografiku qed jintensifikaw ħafna sfidi ambjentali, filwaqt li t-tibdil teknoloġiku rapidu jġib miegħu riskji u inċertezzi ġodda.

Filwaqt li tirrikonoxxi dawn l-isfidi, l-UE impenjat ruħha għal firxa ta' għanijiet ta' sostenibbiltà fit-tul bl-għan ġenerali li "ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna". Il-kisba ta' dawn l-għanijiet mhux se tkun possibbli mingħajr bidla rapida u fundamentali fil-karattru u l-ambizzjoni tar-risponsi tal-Ewropa. L-Ewropa teħtieġ li ssib modi biex tittrasforma s-sistemi soċjetali ewlenin li jmexxu l-pressjonijiet ambjentali u klimatiċi u l-impatti fuq is-saħħa — b'rivalutazzjoni mhux biss tat-teknoloġiji u l-proċessi tal-produzzjoni iżda wkoll tax-xejriet tal-konsum u l-modi tal-għajxien. Dan se jirrikjedi azzjoni immedjata u miftiehma, li tinvolvi diversi oqsma ta' politika u atturi minn fost is-soċjetà kollha biex tkun tista' ssir bidla sistemika.

L-Ewropa tinsab f'mument kritiku fl-2020. Il-mexxejja tagħha għandhom opportunitajiet biex jiffurmaw żviluppi futuri li mhux se jkunu disponibbli għas-suċċessuri tagħhom. Għalhekk, l-għaxar snin li ġejjin se jkunu ta' importanza deċiżiva biex jiġu determinati l-opportunitajiet tal-Ewropa fis-seklu 21.

Dawn, fil-qosor, huma l-konklużjonijiet ġenerali ta' 'L-ambjent Ewropew — l-istat u l-prospetti 2020' (SOER 2020). Ir-rapport jipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-ambjent tal-Ewropa biex jappoġġa l-governanza u jinforma lill-pubbliku. Bħar-rapporti kollha tal-EEA, huwa bbażat fuq il-ħidma tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) — sħubija bejn l-EEA u t-33 pajjiż membru tagħha u s-sitt pajjiżi li kkooperaw.

Li wieħed jagħmel sens mill-istat, ix-xejriet u l-prospetti tal-ambjent Ewropew jirrikjedi approċċ integrat li jirrikonoxxi l-muturi kumplessi u l-implikazzjonijiet tal-bidla ambjentali. SOER 2020 jipprovdi dan, bil-preżentazzjoni tal-kuntest globali li jifforma l-iżvilupp tal-Ewropa (il-Parti 1), ix-xejriet u l-prospettivi ambjentali u settorjali Ewropej (il-Parti 2) u l-fatturi li jillimitaw il-bidla trasformattiva (il-Parti 3). Jikkonkludi f'Parti 4 b'riflessjonijiet dwar kif l-Ewropa tista' tbiddel id-direzzjoni tagħha u tikseb futur sostenibbli.

SOER 2020 jidentifika ħafna sfidi u ostakli. Iżda jara wkoll raġunijiet għal tama. Iċ-ċittadini Ewropej qegħdin dejjem aktar jesprimu l-frustrazzjoni tagħhom bin-nuqqasijiet fil-governanza tal-ambjent u tal-klima. L-għarfien dwar l-isfidi u r-risposti sistemiċi qed jikber u qed jiġi dejjem aktar rifless fl-oqfsa tal-politika tal-UE. B'mod parallel, f'dawn l-aħħar snin tfaċċaw b'mod rapidu innovazzjonijiet, inklużi teknoloġiji ġodda, mudelli ta' negozju u inizjattivi tal-komunità. Xi bliet u reġjuni qed iwittu t-triq f'termini ta' ambizzjoni u kreattività, filwaqt li jesperimentaw b'modi differenti ta' għajxien u jaħdmu u jaqsmu l-ideat madwar in-netwerks.

Dawn l-iżviluppi kollha huma importanti minħabba li joħolqu spazju għall-gvernijiet biex iġibu skala ġdida ta' ambizzjoni għall-politiki, l-investimenti u l-azzjonijiet. Huma jgħinu wkoll biex iqajmu kuxjenza, u jħeġġu liċ-ċittadini biex jikkunsidraw mill-ġdid l-imġiba u l-istili ta' ħajja. L-Ewropa għandha taħtaf dawn l-opportunitajiet, billi tuża kull mezz disponibbli biex twassal bidla trasformattiva fl-għaxar snin li ġejjin.

## L-ambjent tal-Ewropa f'kuntest globali li qed jinbidel

L-isfidi ambjentali u ta' sostenibbiltà li qed tiffaċċja llum l-Ewropa huma msejsa fuq żviluppi globali li jmorru lura għal għexieren ta' snin. Matul dan il-perjodu, l-"Aċċellerazzjoni l-Kbira" tal-attività soċjali u ekonomika bidlet ir-relazzjoni tal-umanità mal-ambjent. Mill-1950, il-popolazzjoni globali ttriplikat għal 7.5 biljuni; in-numru ta' nies li jgħixu fl-ibliet

ikkwadruplika għal aktar minn 4 biljuni; il-produzzjoni ekonomika kibret bi 12-il darba, meta mqabbla ma' żieda simili fl-użu ta' fertilizzanti tan-nitroġenu, tal-fosfat u tal-potassju; u l-użu tal-enerġija primarja żdied b'ħames darbiet. B'ħarsa 'l quddiem, dawn l-iżviluppi globali jidhru li qed ikomplu jżidu l-pressjonijiet fuq l-ambjent. Il-popolazzjoni tad-dinja hija prevista li tikber bi kważi terz għal 10 biljuni sal-2050. Fuq livell globali, l-użu tar-riżorsi jista' jirdoppja sal-2060, bid-domanda għall-ilma tiżdied b'55 % sal-2050 u d-domanda għall-enerġija tikber bi 30 % sal-2040.

L-aċċellerazzjoni l-kbira bla dubju tat benefiċċji kbar, u taffiet it-tbatija u ttejbet il-prosperità f'ħafna partijiet tad-dinja. Pereżempju, is-sehem tal-popolazzjoni dinjija li tgħix f'faqar estrem naqas drastikament — minn 42 % fl-1981 għal anqas minn 10 % fl-2015. Madankollu, l-istess żviluppi kkawżaw ukoll ħsara mifruxa fl-ekosistemi. Fuq livell globali, madwar 75 % tal-ambjent terrestri u 40 % tal-ambjent tal-baħar raw tibdil sever. Id-dinja qed tesperjenza telfien eċċezzjonalment rapidu tal-bijodiversità, u aktar speċijiet jinsabu f'periklu ta' estinzjoni issa milli fi kwalunkwe punt fl-istorja tal-bniedem. Tabilħaqq, hemm evidenza li qiegħda sseħħ is-sitt estinzjoni massiva tal-bijodiversità.

Ħafna mill-bidliet fis-sistema tal-klima globali li ġew osservati mis-snin ħamsin 'l hawn huma bla preċedent b'mod simili tul għexieren ta' snin sa millenji. Dawn, fil-biċċa l-kbira, jirriżultaw minn emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet tal-bniedem, bħal pereżempju l-ħruq ta' fjuwils fossili, l-agrikoltura u d-deforestazzjoni.

Kemm direttament kif ukoll indirettament, dawn il-pressjonijiet qegħdin jikkawżaw ħsara tremenda fuq is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. Il-piż globali tal-mard u l-imwiet prematuri relatat mat-tniġġis ambjentali diġà huwa tliet darbiet akbar minn dak tal-AIDS, it-tuberkulożi u l-malarja flimkien. Iżda l-kontinwazzjoni tal-aċċellerazzjoni l-kbira tista' toħloq saħansitra theddidiet aktar estensivi jekk il-pressjonijiet iwasslu għall-kollass ta' ekosistemi bħall-Arktiku, is-sikek tal-qroll u l-foresti tal-Amazon. Bidliet f'daqqa u irriversibbli ta' dan it-tip jistgħu jfixklu serjament il-kapaċità tan-natura li tipprovdi servizzi essenzjali bħall-forniment tal-ikel u r-riżorsi, iż-żamma ta' ilma nadif u ħamrija fertili, u l-forniment ta' lqugħ kontra d-diżastri naturali.

Bħala pijuniera tal-industrijalizzazzjoni, l-Ewropa kellha rwol ċentrali fit-tiswir ta' dawn il-bidliet globali. Illum, hija qed tkompli tikkonsma aktar riżorsi u tikkontribwixxi aktar għad-degradazzjoni ambjentali minn ħafna reġjuni oħra tad-dinja. Biex jintlaħqu dawn il-livelli għoljin ta' konsum, l-Ewropa tiddependi fuq ir-riżorsi estratti jew użati f'partijiet oħra tad-dinja, bħall-ilma, l-art, il-bijomassa u materjali oħra. Bħala riżultat ta' dan, ħafna mill-impatti ambjentali assoċjati mal-produzzjoni u l-konsum Ewropej iseħħu barra mill-Ewropa.

Kollettivament, dawn ir-realitajiet jammontaw għal sfida kbira għall-Ewropa u għal reġjuni oħra tad-dinja. It-trajettorji attwali tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku qed jeqirdu l-ekosistemi li fl-aħħar mill-aħħar isostnu l-umanità. Il-bdil għal rotot sostenibbli se jkun jirrikjedi tnaqqis rapidu u fuq skala kbira fil-pressjonijiet ambjentali, li jmur ferm lil hinn mit-tnaqqis attwali.

## L-ambjent tal-Ewropa fl-2020

Peress li l-karattru u l-iskala tal-isfidi globali ambjentali u klimatiċi saru aktar ċari, l-oqfsa ta' politika evolvew. Il-qafas tal-politika ambjentali tal-Ewropa — l-acquis ambjentali — qed ikun dejjem aktar iffurmat minn viżjonijiet u miri ambizzjużi fit-tul. Il-viżjoni ġenerali għall-ambjent u għas-soċjetà tal-Ewropa hija stabbilita fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-7 EAP), li jipprevedi li sal-2050:

> Ngħixu tajjeb, u fil-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Il-prosperità tagħna u ambjent b'saħħtu jirriżultaw minn ekonomija innovattiva, ċirkolari fejn ma jinħela xejn u fejn ir-riżorsi naturali huma mmaniġġjati b'mod sostenibbli, u l-biodiversità hija mħarsa, apprezzata u rrestawrata f'modi li jsaħħu r-reżiljenza tas-soċjetà tagħna. It-tkabbir tagħna b'livelli baxxi tal-karbonju ilu li ġie diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi, u b'hekk twittiet it-triq għal soċjetà globali sikura u sostenibbli.

Il-politiki ambjentali tal-UE huma ggwidati minn tliet prijoritajiet ta' politika tematiċi fis-7 EAP: (1) li jiġi protett, konservat u mtejjeb il-kapital naturali tal-UE; (2) li l-UE tinbidel f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'użu baxx ta' karbonju; u (3) li jiġu ssalvagwardjati ċ-ċittadini tal-UE minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u riskji għas-saħħa u l-benesseri tagħhom. F'dawn l-aħħar snin, l-UE adottat ukoll sensiela ta' politiki ta' qafas strateġiċi li jiffokaw fuq it-trasformazzjoni tal-ekonomija tal-UE u s-sistemi partikolari (eż. l-enerġija, il-mobbiltà) b'modi li jwasslu l-prosperità u l-ġustizzja, filwaqt li jħarsu wkoll l-ekosistemi. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) jikkomplementaw dawn l-oqfsa, billi jipprovdu loġika għal bidla trasformattiva li tirrikonoxxi l-interdipendenza tal-miri soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

Meta mqabbla mal-viżjoni fit-tul tal-Ewropa u l-miri ta' politika komplementari, huwa ċar li l-Ewropa mhux qed tagħmel biżżejjed progress fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali. Il-messaġġi mill-valutazzjoni tal-SOER 2020 ta' xejriet u prospettivi riċenti huma ċari: il-politiki kienu aktar effettivi fit-tnaqqis

tal-pressjonijiet ambjentali milli fil-ħarsien tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u s-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. Minkejja s-suċċessi tal-governanza ambjentali Ewropea, għad hemm problemi persistenti u l-prospetti għall-ambjent tal-Ewropa fid-deċennji li ġejjin huma skoraġġanti (it-Tabella ES.1).

Huwa ċar li l-kapital naturali għadu mhux protett, ikkonservat u mtejjeb skont l-ambizzjonijiet tas-7 EAP. Proporzjonijiet żgħar ta' speċijiet (23 %) u ħabitats (16 %) protetti jinsabu fi stat ta' konservazzjoni favorevoli u l-Ewropa ma tinsabx fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ġenerali li twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità sal-2020. L-Ewropa kisbet il-miri tagħha biex tindika żoni terrestri u tal-baħar protetti u xi speċijiet irkupraw, iżda ħafna mill-miri l-oħra x'aktarx li ma jintlaħqux.

Il-miżuri ta' politika mmirati lejn il-kapital naturali pprovdew benefiċċji f'xi oqsma, iżda għad hemm ħafna problemi u xi wħud qed imorru għall-agħar. Pereżempju, tnaqqis fit-tniġġis tejjeb il-kwalità tal-ilma, iżda l-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq stat ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma kollha sal-2020. Il-ġestjoni tal-art tjiebet, iżda l-frammentazzjoni tal-pajsaġġ qed tkompli tiżdied, u tagħmel ħsara lill-ħabitats u lill-bijodiversità. It-tniġġis tal-arja qed ikompli jkollu impatt fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi, u 62 % taż-żona tal-ekosistema tal-Ewropa hija esposta għal livelli eċċessivi ta' nitroġenu, u dan qed jikkawża ewtrofikazzjoni. L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi huma mistennija li jintensifikaw, filwaqt li attivitajiet bħall-agrikoltura, is-sajd, it-trasport, l-industrija u l-produzzjoni tal-enerġija jkomplu jikkawżaw it-telfien tal-bijodiversità, estrazzjoni tar-riżorsi u emissjonijiet dannużi.

L-Ewropa għamlet aktar progress fir-rigward tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari. Il-konsum tal-materjal naqas u l-effiċjenza tar-riżorsi tjiebet hekk kif il-prodott domestiku gross żdied. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra naqsu bi 22 % bejn l-1990 u l-2017, kemm minħabba miżuri ta' politika kif ukoll minħabba fatturi ekonomiċi. Is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija żdied b'mod stabbli għal 17.5 % fl-2017. L-effiċjenza tal-enerġija tjiebet, u l-konsum finali tal-enerġija naqas bejn wieħed u ieħor għal-livell fl-1990. Kien hemm tnaqqis fl-emissjonijiet tal-inkwinanti kemm fl-arja kif ukoll fl-ilma, filwaqt li l-astrazzjoni tal-ilma totali tal-UE naqset bi 19 % bejn l-1990 u l-2015.

Madankollu, ix-xejriet aktar reċenti huma inqas pożittivi. Pereżempju, id-domanda finali għall-enerġija fil-fatt żdiedet mill-2014 u, jekk dan ikompli, hemm possibbiltà li l-mira tal-UE għall-2020 għall-effiċjenza tal-enerġija ma tintlaħaqx. Kien hemm ukoll żieda fl-emissjonijiet ta' ħsara mit-trasport u mill-agrikoltura, u l-produzzjoni u l-konsum ta' sustanzi kimiċi perikolużi baqgħu stabbli. Il-prospettiva għall-2030 tissuġġerixxi li r-rata attwali ta' progress mhux se tkun biżżejjed biex jintlaħqu l-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-2050. Barra minn hekk, l-indirizzar tal-pressjonijiet ambjentali mis-setturi ekonomiċi permezz tal-integrazzjoni ambjentali ma kienx ta' suċċess, kif muri mill-impatti kontinwi tal-agrikoltura fuq il-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija.

L-Ewropa kisbet xi suċċess fil-protezzjoni tal-Ewropej mir-riskji ambjentali għas-saħħa u l-benesseri. Pereżempju, l-ilma tax-xorb u għall-għawm huma ġeneralment ta' kwalità għolja madwar l-Ewropa. Iżda, għal darb'oħra, hemm problemi persistenti f'xi żoni u l-prospettiva hija inkwetanti. Pereżempju, xi sustanzi kimiċi persistenti u mobbli jirreżistu anke t-trattament avvanzat tal-ilma tax-xorb. Bl-istess mod, għalkemm l-emissjonijiet tal-inkwinanti tal-arja naqsu, kważi 20 % tal-popolazzjoni urbana tal-UE tgħix f'żoni b'livell ta' konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti tal-arja ogħla minn tal-anqas standard wieħed tal-kwalità tal-arja tal-UE. L-esponiment għall-materja partikolata fina huwa responsabbli għal madwar 400 000 mewta prematura fl-Ewropa kull sena, u l-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huma affettwati b'mod sproporzjonat.

Is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem għadhom affettwati mill-istorbju, is-sustanzi kimiċi perikolużi u t-tibdil fil-klima. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima x'aktarx li ġġib magħha riskji akbar, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli. L-impatti jistgħu jirriżultaw minn mewġiet ta' sħana qawwija, nirien fil-foresti, għargħar u xejriet li qed jinbidlu fil-prevalenza ta' mard infettiv. Barra minn hekk, ir-riskji ambjentali għas-saħħa ma jaffettwawx lil kulħadd bl-istess mod, u hemm differenzi kbar fil-livell lokali u reġjonali madwar l-Ewropa f'termini ta' vulnerabbiltà soċjali u esponiment għal perikli għas-saħħa ambjentali. B'mod ġenerali, il-prospettiva għat-tnaqqis tar-riskji ambjentali għas-saħħa u l-benesseri mhijiex ċerta. Ir-riskji sistemiċi għas-saħħa huma kumplessi u hemm lakuni u inċertezzi importanti fil-bażi tal-għarfien.

### Fehim u rispons għall-isfidi sistemiċi

Il-persistenza ta' sfidi ambjentali kbar tista' tiġi spjegata minn varjetà ta' fatturi relatati. L-ewwel nett, il-pressjonijiet ambjentali jibqgħu sostanzjali minkejja li sar progress fit-tnaqqis tagħhom. Ir-ritmu tal-progress naqas ukoll f'xi oqsma importanti, bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-emissjonijiet industrijali, il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-effiċjenza tal-enerġija u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Dan jimplika l-ħtieġa li wieħed imur lil hinn mit-titjib fl-effiċjenza inkrementali u li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-politiki ambjentali biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tagħhom.

### Tabella ES.1 Sommarju tax-xejriet tal-passat, prospetti u prospettivi li jintlaħqu l-objettivi/il-miri tal-politika

| Tema | Xejriet tal-passat u prospetti | | Prospettivi li jintlaħqu l-għanijiet/il-miri tal-politika | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Xejriet tal-passat (minn 10 sa 15-il sena ilu) | Prospetti għall-2030 | 2020 | 2030 | 2050 |
| **Il-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-titjib tal-kapital naturali** | | | | | |
| Żoni terrestri protetti | green | yellow | ☑ | | |
| Żoni tal-baħar protetti | green | yellow | ☑ | | |
| Speċijiet u ħabitats protetti tal-UE | yellow | yellow | ☒ | | |
| Speċijiet komuni (għasafar u friefet) | red | red | ☒ | | |
| Kundizzjonijiet u servizzi tal-ekosistema | red | yellow | ☒ | | |
| Ekosistemi tal-ilma u artijiet mistagħdra | yellow | yellow | ☒ | | |
| Pressjonijiet idromorfoloġiċi | red | yellow | ☒ | | |
| L-istat tal-ekosistemi tal-baħar u l-bijodiversità | yellow | red | ☒ | | |
| Pressjonijiet u impatti fuq l-ekosistemi tal-baħar | yellow | red | ☒ | | |
| L-urbanizzazzjoni u l-użu ta' l-art mill-agrikoltura u l-foresti | red | red | | | ☒ |
| Il-kundizzjoni tal-ħamrija | red | red | ☒ | | |
| It-tniġġis tal-arja u l-impatti fuq l-ekosistemi | yellow | yellow | ☐ | ☐ | |
| It-tniġġis kimiku u l-impatti fuq l-ekosistemi | yellow | red | ☒ | | |
| It-tibdil fil-klima u l-impatti fuq l-ekosistemi | red | red | ☒ | | |
| **Ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ċirkolari u b'livell baxx ta' karbonju** | | | | | |
| Effiċjenza ta' riżorsi materjali | green | yellow | ☑ | | |
| Użu ċirkolari ta' materjali | green | yellow | | ☐ | |
| Ġenerazzjoni tal-iskart | yellow | yellow | ☐ | | |
| Immaniġġjar tal-iskart | green | green | ☐ | | |
| Emissjonijiet ta' gassijiet serra u sforzi ta' mitigazzjoni | green | yellow | ☑ | ☒ | ☒ |
| Effiċjenza fl-enerġija | green | yellow | ☐ | ☒ | ☒ |
| Sorsi ta' enerġija rinnovabbli | green | yellow | ☑ | ☒ | ☒ |
| Emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja | yellow | yellow | ☑ | ☐ | |
| Emissjonijiet ta' inkwinanti mill-industrija | green | yellow | ☐ | | |
| Teknoloġiji u proċessi industrijali nodfa | green | yellow | ☐ | | |
| Emissjonijiet ta' kimiċi | yellow | red | ☒ | | |
| L-astrazzjoni tal-ilma u l-pressjoni tagħha fuq l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art | green | yellow | ☒ | | |
| L-użu sostenibbli tal-ibħra | yellow | yellow | ☐ | | |
| **Il-ħarsien mir-riskji ambjentali għas-saħħa u l-benesseri** | | | | | |
| Konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti tal-arja | green | yellow | ☒ | ☑ | |
| It-tniġġis tal-arja u l-impatti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem | green | yellow | | ☑ | |
| L-esponiment tal-popolazzjoni għall-istorbju ambjentali u l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem | yellow | red | ☒ | | |
| Preservazzjoni ta' żoni trankwilli | yellow | yellow | ☒ | | |
| Pressjonijiet tat-tniġġis fuq l-ilma u rabtiet mas-saħħa tal-bniedem | yellow | yellow | ☒ | | |
| It-tniġġis kimiku u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem | yellow | red | ☒ | | |
| Riskji marbuta mat-tibdil fil-klima għas-soċjetà | red | red | ☐ | | |
| Strateġiji u pjanijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima | green | green | ☐ | | |

| Valutazzjoni indikattiva tax-xejriet tal-passat (minn 10 sa 15-il sena ilu) u l-prospetti sal-2030 | | Valutazzjoni indikattiva tal-prospettivi li jintlaħqu l-objettivi/il-miri magħżula tal-politika | | |
|---|---|---|---|---|
| green | Jiddomina t-titjib tax-xejriet/tal-iżviluppi | Sena | ☑ | Fil-biċċa l-kbira fit-triq it-tajba |
| yellow | Ix-xejriet/l-iżviluppi juru stampa mħallta | Sena | ☐ | Parzjalment fit-triq it-tajba |
| red | Jiddominaw xejriet/żviluppi li qed jiddeterjoraw | Sena | ☒ | Fil-biċċa l-kbira mhux fit-triq it-tajba |

**Nota:** Is-sena għall-objettivi/miri ma tindikax is-sena fil-mira eżatt iżda l-perjodu ta' żmien tal-objettivi/miri.

Il-kumplessità ta’ sistemi ambjentali tista’ tfisser ukoll li hemm distakk konsiderevoli ta’ żmien bejn it-tnaqqis tal-pressjonijiet u t-titjib tal-kapital naturali, u s-saħħa tal-bniedem u l-benesseri. L-eżiti ambjentali, bħat-telfien tal-bijodiversità, spiss jiġu ddeterminati minn diversi fatturi, li jfisser li l-effettività tal-miżuri ta’ politika u l-isforzi ta’ ġestjoni lokali jistgħu jiġu kkumpensati minn fatturi esterni. Dawn jinkludu żviluppi globali bħalma huma l-popolazzjonijiet li qed jikbru, il-produzzjoni ekonomika u l-użu tar-riżorsi, li kollha kemm huma jinfluwenzaw is-sitwazzjoni fl-Ewropa. B’ħarsa ’l quddiem, hemm ukoll tħassib dwar il-muturi tal-bidla, bħal pereżempju l-iżviluppi teknoloġiċi u ġeopolitiċi li għandhom implikazzjonijiet mhux ċari.

Forsi l-aktar fattur importanti li huwa l-bażi tal-isfidi persistenti ambjentali u ta’ sostenibbiltà tal-Ewropa huwa li dawn huma marbutin b’mod inseparabbli mal-attivitajiet ekonomiċi u l-istili ta’ ħajja, b’mod partikolari s-sistemi tas-soċjetà li jipprovdu lill-Ewropej bi bżonnijiet bħall-ikel, l-enerġija u l-mobbiltà. Bħala riżultat, l-użu tar-riżorsi u t-tniġġis tas-soċjetà huma marbutin b’modi kumplessi mal-impjiegi u l-qligħ tul il-katina tal-valur; mal-investimenti kbar fl-infrastruttura, il-makkinarju, il-ħiliet u l-għarfien; mal-imġiba u l-modi ta’ għajxien; u ma’ politiki u istituzzjonijiet pubbliċi.

Il-ħafna interkonnessjonijiet fi ħdan u bejn is-sistemi soċjetali ifissru li ħafna drabi hemm ostakli kbar biex tinkiseb bidla rapida u estensiva li hija meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi ta’ sostenibbiltà fit-tul tal-Ewropa. Pereżempju:

- Is-sistemi ta’ konsum u ta’ produzzjoni huma kkaratterizzati minn intrappolamenti u dipendenza tar-rotta, marbuta mal-fatt li l-elementi tas-sistema — it-teknoloġiji, l-infrastrutturi, l-għarfien eċċ — spiss żviluppaw flimkien tul għexieren ta’ snin. Dan ifisser li l-bidla radikali ta’ dawn is-sistemi x’aktarx tfixkel l-investimenti, l-impjiegi, l-imġiba u l-valuri, u tipprovoka reżistenza mill-industriji, ir-reġjuni jew il-konsumaturi affettwati.

- L-interkonnessjonijiet u r-reazzjonijiet fi ħdan is-sistemi jfissru li l-bidla ta’ spiss tipproduċi eżiti mhux intenzjonati jew sorpriżi. Pereżempju, il-qligħ immexxi mit-teknoloġija jista’ jiġi mminat minn bidliet fl-istil tal-ħajja, parzjalment minħabba l-“effetti tar-reazzjonijiet” meta t-titjib fl-effiċjenza jwassal għal iffrankar fl-ispejjeż li jippermetti żieda fil-konsum.

- Is-sistemi ta’ konsum u ta’ produzzjoni huma wkoll marbuta direttament u indirettament, pereżempju permezz tad-dipendenza tagħhom fuq bażi komuni tal-kapital naturali sabiex jipprovdu riżorsi u jassorbu l-iskart u l-emissjonijiet. Din ir-“rabta ta’ riżorsi” tfisser li l-indirizzar ta’ problemi f’żona waħda jista’ jipproduċi ħsara mhux intenzjonata x’imkien ieħor, pereżempju deforestazzjoni u żidiet fil-prezzijiet tal-ikel minħabba l-produzzjoni tal-bijofjuwil.

Il-karattru sistemiku tal-isfidi ambjentali tal-Ewropa jgħin biex jiġu spjegati l-limitazzjonijiet tal-approċċi tal-governanza ambjentali stabbiliti fit-twassil meħtieġ tal-bidla. Għalkemm ġew osservati sinjali ta’ progress fost is-sistemi tal-ikel, tal-enerġija u tal-mobbiltà, l-impatti ambjentali għadhom għoljin u x-xejriet attwali mhumiex konformi mal-għanijiet ambjentali u ta’ sostenibbiltà fit-tul.

Korp dejjem jikber ta’ riċerka u prattika jipprovdi għarfien dwar kif tista’ tinkiseb bidla sistematika fundamentali. Tali tranżizzjonijiet huma proċessi fit-tul li jiddependu b’mod kritiku fuq l-emerġenza u l-firxa ta’ forom differenti ta’ innovazzjoni li jwasslu għal modi alternattivi ta’ valutazzjoni u ta’ għajxien — prattiki soċjali, teknoloġiji, mudelli ta’ negozju, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ġodda, eċċ. Huwa impossibbli li wieħed ikun jaf minn qabel eżattament liem innovazzjonijiet se jinħolqu, jekk hux se jiġu integrati fl-istili ta’ ħajja, u kif dawn se jaffettwaw l-eżiti ta’ sostenibbiltà. Għalhekk it-tranżizzjonijiet jinvolvu bosta inċertezzi, kunflitti u kompromessi.

Dan il-fehim ta’ bidla sistemika għandu implikazzjonijiet importanti għall-governanza. L-ewwel nett, ir-rwol perċepit tal-gvern jinbidel minn rwol li jaġixxi bħala “pilota”, bl-għarfien u l-għodod biex is-soċjetà titmexxa lejn is-sostenibbiltà, għal rwol bħala faċilitatur tal-innovazzjoni u t-trasformazzjoni fis-soċjetà kollha. L-ippjanar minn fuq għal isfel għad għandu rwol f’xi kuntesti. Iżda jeħtieġ ukoll li l-gvernijiet isibu modi kif jisfruttaw is-setgħat taċ-ċittadini, il-komunitajiet u n-negozji.

Biex jinkiseb dan huma meħtieġa kontribuzzjonijiet minn oqsma ta’ politika u livelli ta’ gvern lejn għanijiet komuni. L-għodod tal-politika ambjentali jibqgħu essenzjali. Iżda li tkun tista’ ssir bidla sistemika jirrikjedi taħlita ta’ politika ħafna usa’ biex jiġu promossi l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni, biex ikunu jistgħu jinxterdu ideat u approċċi ġodda, u biex jiġi żgurat li l-bidla ekonomika strutturali tipproduċi eżiti ta’ benefiċċju u ġusti. Il-kumplessità u l-inċertezza tal-proċessi ta’ tranżizzjoni jfissru li l-gvernijiet se jkollhom bżonn isibu modi biex jikkoordinaw u jmexxu azzjonijiet madwar is-soċjetà lejn miri ta’ sostenibbiltà fit-tul u biex jimmaniġġjaw ir-riskji u l-konsegwenzi mhux intenzjonati li inevitabbilment jakkumpanjaw il-bidla sistemika.

## Fejn tmur l-Ewropa minn hawn?

Meta jitqiesu flimkien, l-analiżi fil-Partijiet 1–3 tenfasizza l-persistenza, l-iskala u l-urġenza tal-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa. Il-kisba tal-viżjoni tas-sostenibbiltà tal-UE għall-2050 għadha possibbli, iżda se tkun tirrikjedi bidla fil-karattru u l-ambizzjoni tal-azzjonijiet. Dan ifisser kemm it-tisħiħ tal-għodod ta’ politika stabbiliti kif ukoll li jinbnew fuqhom approċċi

ġodda innovattivi ta' governanza. Skont l-għarfien minn fost ir-rapport, il-Parti 4 tidentifika varjetà ta' oqsma importanti fejn hija meħtieġa azzjoni li tippermetti t-tranżizzjonijiet.

**It-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-politika, l-integrazzjoni u l-koerenza:** L-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki eżistenti għandha tieħu ħafna żmien biex l-Ewropa tilħaq il-miri ambjentali tagħha sal-2030. Il-kisba ta' implimentazzjoni sħiħa tirrikjedi aktar finanzjament u bini ta' kapaċità; l-involviment ta' negozji u ċittadini; koordinazzjoni aħjar tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali; u bażi ta' għarfien aktar b'saħħitha. Lil hinn mill-implimentazzjoni, l-Ewropa jeħtieġ li tindirizza n-nuqqasijiet u d-dgħufijiet fl-oqfsa ta' politika, pereżempju rigward l-art, il-ħamrija u s-sustanzi kimiċi. Integrazzjoni aħjar tal-għanijiet ambjentali fil-politika settorjali hija wkoll essenzjali, kif ukoll koerenza aħjar fil-politika.

**L-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika aktar sistemiċi u fit-tul u miri vinkolanti:** Is-sett dejjem jikber ta' politiki strateġiċi li jindirizzaw is-sistemi ewlenin (eż. l-enerġija u l-mobbiltà) u li jippromwovu t-trasformazzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u ekonomija ċirkolari huma għodod importanti biex tiġi stimulata u gwidata l-azzjoni koerenti fis-soċjetà kollha. Iżda l-kopertura ta' oqfsa ta' politika fit-tul teħtieġ li tiġi estiża għal sistemi u kwistjonijiet importanti oħra, bħall-ikel, is--sustanzi kimiċi u l-użu tal-art. Strateġiji trasversali komparabbli huma meħtieġa wkoll f'livelli oħra ta' governanza — inklużi pajjiżi, reġjuni u bliet. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp ta' viżjonijiet u rotot trasformattivi huwa importanti biex jirriflettti r-realtajiet differenti madwar l-Ewropa u biex jiġu mmassimizzati l-kobenefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

**It-tmexxija ta' azzjoni internazzjonali lejn is-sostenibbiltà:** L-Ewropa ma tistax tilħaq l-għanijiet ta' sostenibbiltà tagħha b'mod iżolat. Il-problemi globali dwar l-ambjent u s-sostenibbiltà jirrikjedu risposti globali. L-UE għandha influwenza diplomatika u ekonomika sinifikanti, li tista' tuża biex tippromovi l-adozzjoni ta' ftehimiet ambizzjużi f'oqsma bħall-bijodiversità u l-użu tar-riżorsi. L-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa u l-appoġġ attiv għall-implimentazzjoni f'reġjuni oħra se tkun essenzjali jekk l-Ewropa trid tipprovdi tmexxija globali fil-kisba ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà. L-użu tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħala qafas ġenerali għall-iżvilupp tal-politika fl-10 snin li ġejjin jista' jipprovdi pass importanti lejn it-twettiq tal-viżjoni tal-Ewropa tal-2050.

**It-trawwim tal-innovazzjoni fis-soċjetà kollha:** Il-bidla fit-trajettorja se tiddependi b'mod kritiku fuq l-emerġenza u l-firxa ta' forom differenti ta' innovazzjoni li jistgħu jwasslu għal modi ġodda ta' valutazzjoni u ta' għajxien. Diġà jeżistu s-sorsi għal din il-bidla. Aktar u aktar negozji, intraprendituri, riċerkaturi, amministrazzjonijiet tal-bliet u komunitajiet lokali qed jesperimentaw b'modi differenti ta' kif jipproduċu u jikkunsmaw. Fil-prattika, madankollu, l-innovazzjonijiet ħafna drabi jiltaqgħu ma' ostakli kbar. Għalhekk, il-politiki pubbliċi u l-istituzzjonijiet għandhom rwol vitali biex jippermettu bidla sistemika. Il-politiki ambjentali jibqgħu essenzjali, iżda l-innovazzjoni tas-sistema tirrikjedi kontribuzzjonijiet koerenti minn diversi oqsma ta' politika, li jvarjaw minn politiki ta' riċerka, innovazzjoni, settorjali u industrijali sa edukazzjoni, benesseri, kummerċ u impjiegi.

**Iż-żieda tal-investimenti u r-riorjentazzjoni tal-finanzjament:** Għalkemm il-kisba ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà se tkun tirrikjedi investimenti kbar, l-Ewropej għandhom jibbenefikaw ħafna — kemm minħabba l-evitar ta' ħsarat lin-natura u lis-soċjetà, kif ukoll minħabba l-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali li joħolqu. Jeħtieġ li l-gvernijiet jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi pubbliċi biex jappoġġaw l-esperimentazzjoni, jinvestu f'innovazzjonijiet u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, jipprokuraw b'mod sostenibbli, u jappoġġaw setturi u reġjuni affettwati. Huma għandhom ukoll rwol essenzjali biex jimmobilizzaw u jidderieġu l-infiq privat billi jiffurmaw l-għażliet ta' investiment u ta' konsum, u jinvolvu lis-settur finanzjarju f'investiment sostenibbli billi jimplimentaw u jibnu fuq il-Pjan ta' Azzjoni għall-Finanzjament Sostenibbli tal-UE.

**L-immaniġġjar tar-riskju u l-iżgurar ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta:** Governanza b'suċċess ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà se tirrikjedi li s-soċjetajiet jirrikonoxxu r-riskji potenzjali, l-opportunitajiet u l-kompromessi, u jfasslu modi biex jinnavigawhom. Il-politiki għandhom rwol essenzjali fil-kisba ta' "tranżizzjonijiet ġusti", pereżempju billi jappoġġaw kumpaniji u ħaddiema f'industriji li qed jiffaċċjaw it-tneħħija gradwali permezz ta' taħriġ mill-ġdid, sussidji, assistenza teknika jew investimenti li jgħinu lir-reġjuni affettwati b'mod negattiv. L-identifikazzjoni bikrija tar-riskji emerġenti u l-opportunitajiet relatati mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-soċjetà jeħtieġ li jiġu magħquda ma' approċċi adattivi, ibbażati fuq l-esperimentazzjoni, il-monitoraġġ u t-tagħlim.

**Rabta bejn l-għarfien u l-azzjoni:** Il-kisba ta' tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà se tirrikjedi għarfien ġdid varjat, li jieħu minn diversi dixxiplini u tipi ta' produzzjoni ta' għarfien. Din tinkludi evidenza dwar is-sistemi li jagħmlu pressjonijiet ambjentali, ir-rotot għas-sostenibbiltà, l-inizjattivi promettenti u l-ostakli għall-bidla. Il-metodi ta' tbassir huma mod importanti kif in-nies jiġu involuti fi proċessi parteċipattivi biex jiġu esplorati futuri, eżiti u riskji jew opportunitajiet possibbli. Il-ġenerazzjoni, il-kondiviżjoni u l-użu ta' evidenza rilevanti sħiħa jistgħu jirrikjedu bidliet fis-sistema ta' għarfien li jgħaqqdu x-xjenza mal-politika u l-azzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda u strutturi istituzzjonali.

## L-10 snin li ġejjin

Il-kisba tal-għanijiet tal-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi se jirrikjedu azzjoni urġenti f'kull wieħed minn dawn l-oqsma matul l-10 snin li ġejjin. Biex inkunu ċari, l-Ewropa mhix se tilħaq il-viżjoni ta' sostenibbiltà tagħha ta' "ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" sempliċiment billi tippromwovi t-tkabbir ekonomiku u billi tfittex li timmaniġġja effetti sekondarji ta' ħsara b'għodod tal-politika ambjentali u soċjali. Minflok, is-sostenibbiltà teħtieġ li ssir il-prinċipju ta' gwida għal politiki u azzjonijiet ambizzjużi u koerenti fis-soċjetà kollha. Il-possibbiltà ta' bidla trasformattiva se tirrikjedi li l-oqsma u l-livelli kollha tal-gvern jaħdmu flimkien u jisfruttaw l-ambizzjoni, il-kreattività u s-setgħa taċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet. Fl-2020, l-Ewropa għandha opportunità unika biex tmexxi r-risposta globali għal sfidi ta' sostenibbiltà. Wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni.



© Daniel Kusak, My City/EEA

# Dwar SOER

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hija aġenzija tal-UE stabbilita skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90. Ir-Regolament stabbilixxa wkoll in-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) bħala netwerk ta' sħubija ta' 33 pajjiż membru ([2]) u sitt pajjiżi li kkooperaw ([3]). Il-mandat tal-EEA huwa li taħdem ma' Eionet biex tipprovdi għarfien sabiex il-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-istituzzjonijiet tal-UE u l-pajjiżi Eionet ikunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar it-titjib tal-ambjent tal-Ewropa u biex nimxu lejn is sostenibbiltà.

Bħala parti minn dan il-mandat, wieħed mill-kompiti ewlenin tal-EEA huwa li tippubblika rapport dwar l-istat, ix-xejriet u l-prospetti għall-ambjent kull 5 snin. Rapporti bħal dawn ġew prodotti sa mill-1995 u vvalutaw l-istat ta' u l-prospettiva għall-ambjent Ewropew, u infurmaw l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politika tal-UE. Jagħmlu dan billi jissorveljaw ix-xejriet tal-passat, il-progress lejn miri u opportunitajiet futuri stabbiliti għall-politika tal-UE biex tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi għall-perjodu fit-tul.

Bħal rapporti preċedenti, l-ambjent Ewropew — l-istat u l-prospetti 2020 (SOER 2020) jipprovdi għarfien rilevanti, affidabbli u komparabbli u jiġbed minn ħafna sorsi disponibbli għall-EEA u l-Eionet. L-iżvilupp tar-rapport kien iggwidat mill-għarfien mifrux li l-kwistjonijiet ambjentali huma minsuġa ma' ħafna mill-aspetti tas-soċjetà, li għandu implikazzjonijiet għall-prospettiva ġenerali biex tinkiseb is-sostenibbiltà u jissuġġerixxi li l-partijiet ikkonċernati jeħtieġu tipi ġodda ta' għarfien biex jappoġġaw l-azzjonijiet tagħhom.

SOER 2020 jibni fuq il-konklużjonijiet tal-predeċessur tiegħu, ippubblikat f'Marzu 2015. SOER 2015 wera li, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE rriżultat f'benefiċċji sostanzjali għall-ambjent u l-benesseri tal-bniedem tal-Ewropa, l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi kbar biex tindirizza problemi ambjentali persistenti li huma marbuta b'modi kumplessi mas-sistemi ta' produzzjoni u konsum. Ir-rapport tal-2015 jargumenta favur tranżizzjonijiet fundamentali fis-sistemi ta' konsum u produzzjoni li jikkawżaw degradazzjoni ambjentali, inklużi s-sistemi tal-ikel, tal-enerġija u tal-mobbiltà.

Ir-rapport tal-2020 wasal fi żmien meta s-soċjetà qed tiġi sfidata minn informazzjoni falza u aħbarijiet foloz. Ir-rapport jagħmel kull sforz biex jagħraf din ir-realtà billi jiżgura t-trasparenza permezz ta' referenzjar komprensiv ta' sejbiet xjentifiċi u approċċ imtejjeb għall-valutazzjoni u l-komunikazzjoni ta' aspetti ta' kwalità u inċertezza u ta' lakuni fl-għarfien. Ir-rapport kien soġġett ukoll għal evalwazzjoni bejn il-pari estensiva minn Eionet, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Xjentifiku tal-EEA u l-esperti internazzjonali.

L-informazzjoni fuq livell tal-pajjiżi tinforma dwar l-implimentazzjoni tal-politika u tiffaċilita l-kondiviżjoni mtejba ta' żviluppi u approċċi ġodda. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isfida li tiżdied il-kumplessità tal-għarfien, ir-rapport jipprovdi valutazzjonijiet sommarji konsistenti fil-valutazzjonijiet tematiċi kollha tiegħu. Fl-aħħar nett, ir-rapport jindirizza l-karattru sistemiku tal-isfidi ambjentali tal-lum, inklużi s-sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum imsemmija hawn fuq, kif ukoll għarfien dwar kif l-Ewropa tista' tirrispondi għall-isfidi ambjentali, klimatiċi u ta' sostenibbiltà li llum huma bla preċedent.

([2]) It-28 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija.
([3]) L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u l-Kosovo (skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244/99 u f'konformità mal-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo).

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**L-ambjent Ewropew**
**L-istat u l-prospetti 2020**
**Sommarju eżekuttiv**

2019 — 14 pp. — 210 x 297 cm

ISBN 978-92-9480-134-0
doi: 10.2800/132732

**Kif tikkuntattja lill-UE**

**Personalment**
Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika
Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

**Kif issib tagħrif dwar l-UE**

**Onlajn**
L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**
Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://publications.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**
Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

**Dejta Miftuħa mill-UE**
Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka

Tel.: +45 33 36 71 00
Web: eea.europa.eu
Facebook: www.facebook.com/European.Environment.Agency
Twitter: @EUEnvironment
LinkedIn: www.linkedin.com/company/european-environment-agency/
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries
Irreġistra biex tirċievi notifiki tal-EEA: eea.europa.eu/sign-up

TH-02-19-902-MT-N
doi: 10.2800/132732

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

